EUROPEAN COMMISSION

Brussels, 10.6.2011
KUMM(2011) 343 final

REPORT FROM THE COMMISSION TO THE EUROPEAN PARLIAMENT AND THE COUNCIL

Annual Report on the European Union's Humanitarian Aid and Civil Protection Policies and their implementation in 2010

{SEG(2011) 709 finali}

L-Unjoni Ewropea hija waħda mill-ikbar donaturi ta' għajnuna umanitarja fid-dinja, u attur ewlieni fil-provvediment ta' sokkors ta' emerġenza għall-vitmi ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. L-Unjoni tippromwovi wkoll rispett għal, u aderenza lejn, id-dritt umanitarju internazzjonali.

Il-Kummissjoni Ewropea, notevolment permezz tad-Direttorat Ġenerali tagħha għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (DĠ ECHO) għandha l-għan li ssalva u tippreserva l-ħajja iżda wkoll l-ambjent u l-propjetà, tipprevjeni u ttaffi s-sofferenza umana u tissalvagwardja l-integrità u d-dinjità tal-popolazzjonijiet milquta minn diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem li jseħħu fl-UE jew lil hinn minnha. Il-mandat tal-Kummissjoni jinkludi għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili, iż-żewġ strumenti prinċipali disponibbli għall-Unjoni Ewropea biex jiżguraw il-provvediment rapidu u effikaċi ta' assistenza ta' sokkors lil persuni affaċċati bil-konsegwenzi immedjati tad-diżastri.

L-assistenza umanitarja ta-UE, li hija distinta mill-għajnuna għall-iżvilupp fuq perjodu twil jew mill-istrumenti għall-politika barranija, hija bbażata fuq il-prinċipji umanitarji ta' umanità, imparzjalità, indipendenza u newtralità. Dan l-impenn għal għajnuna umanitarja bi prinċipji huwa msejjes fit-Trattat ta' Lisbona.

Il-politiki dwar l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili tal-Unjoni Ewropea jippermettulha li turi f'termini prattiċi l-impenn tagħha sabiex tappoġġja lil dawk li huma fl-Unjoni u lil dawk lil hinn minha u li għandhom bżonn l-għajnuna meta jkunu fil-mumenti l-aktar vulnerabbli tagħhom. Dan jikkontribwixxi għat-twettiq ta' wieħed mill-objettivi strateġiċi tal-azzjoni esterna tal-UE, kif spjegat fit-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

L-importanza tal-politika dwar l-għajnuna umanitarja hija riflessa fil-ħatra ta' Kummissarju ddedikat għall-għajnuna umanitarja u r-reazzjoni għall-kriżi fil-Kummissjoni l-ġdida. Il-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili, li tpoġġa flimkien mal-għajnuna umanitarja f'Direttorat Ġenerali wieħed minn Frar tal-2010, għandu l-għan li jiffaċilita l-koperazzjoni f'interventi ta' għajnuna ta' protezzjoni ċivili fil-każ ta' emerġenzi maġġuri li jeħtieġu reazzjoni immedjata.

Il-kuntest globali li fih l-assistenza qed tkun provduta

Ħafna mill-kwistjonijiet globali llum għandhom impatt kemm fuq l-iskala kif ukoll fuq in-natura tal-isfidi umanitarji u ta' protezzjoni ċivili.

<u>*Theddid għas-sigurtà li qed jinbidel*</u> Waqt li kien hemm inqas kunflitt bejn il-pajjiżi minn tmiem il-Gwerra l-bierda, tipi oħra ta' kunflitti saru iktar mifruxa u iktar kumplessi biex wieħed jittrattahom. In-numru dejjem jikber ta' Stati dgħajfa u li qed ifallu ħoloq kundizzjonijiet għal instabbiltà fit-tul, kriżijiet vjolenti, u konflitti ċivili mal-Asja t'Isfel u dik Ċentrali, il-Lvant Nofsani ul-kontinent Afrikan.

<u>*Il-bidla fil-klima.*</u> L-attività umana qatt qabel ma kienet poġġiet l-ambjent u l-klima tal-pjaneta tagħna taħt tali ammont ta' stress. Id-dinja qed tesperjenza xejriet tat-temp – nixfa, għargħar, maltempati – iktar minn qatt qabel. Il-bidla fil-klima fil-futur aktarx taffettwa l-frekwenza tad-diżastri naturali u l-iskala tal-konsegwenzi tagħhom, kif ukoll tbiddel id-distribuzzjoni ġeografika ta' tali emerġenzi. F'ħafna reġjuni tad-dinja, l-aċċess għar-riżorsi naturali bażiċi, ilma u art agrikola qed isir iktar diffiċili, u qed joħloq tensjoni ulterjuri u 'immigrazzjoni kkawżata mill-klima'.

Bidliet fl-ekonomija globali Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk emerġenti huma issa dawk li qed jagħtu spinta lit-tkabbir globali. Huwa stmat li sal-2020-2025 il-PDG aggregat tat-tmien ekonomiji emerġenti se jkun ikbar minn dak tal-G-8 attwali. Waqt li miljuni ta' nies qed jinħarġu mill-faqar grazzi għal dan it-tkabbir, l-iżvilupp jibqa' inekwu ħafna, u l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) jibqgħu mhux aċċessibbli għal oqsma sħaħ tal-popolazzjoni

Ir-rwol li qed jikber tal-atturi mhux Statali Madwar id-dinja l-NGO żviluppaw bħala forzi politiki u soċjali importanti; is-settur privat għandu setgħa dejjem tikber mhux biss fil-kummerċ u l-finanzi internazzjonali iżda wkoll fi kwistjonijiet soċjali; u l-midja globali jinfluwenzaw il-mod kif titmexxa d-diplomazija u l-politika permezz ta' impatt immedjat u emozzjonali tal-'aħbar tal-mument'.

Il-kriżi finanzjarja jista' jkollha impatt fuq ir-riżorsi disponibbli għal reazzjoni għall-emerġenzi. Dan jista' jwassal għal bżonn ikbar ta' Solidarjetà Ewropea, u jenfasizza l-importanza ta' valur għall-flus u effiċjenza fil-provvediment tal-għajnuna.

Konsegwentament, *l-implimentazzjoni tal-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili hija dejjem iktar kumplessa u diffiċili.* Minħabba frekwenza u intensità ikbar tad-diżastri naturali hemm iktar kriżijiet umanitarji li qed jitfaċċaw f'daqqa waħda u b'mod partikolari l-mega-diżastri bħal dawk li seħħew fl-2010 fil-Ħaiti u fil-Pakistan. Madwar 373 diżastru naturali seħħ matul is-sena, li qatlu kważi 300 000 persuna u affetwaw 207 miljuni oħra madwar id-dinja[1]. L-Asja ċentrali kienet l-iktar reġjun affettwat b'89% tan-numru totali tal-vittmi. L-2010 kienet waħda mill-agħar snin irreġistrati fl-aħħar żewġ deċenni għad-diżastri naturali. Id-diżastri umanitarji kkaġunati mill-bniedem għadhom l-iktar ikkawżati minn kunflitti interni, bil-popolazzjoni ċivili dejjem iktar esposta għal vjolenza u sofferenza. Dan it-tip ta' kunflitt huwa ħafna drabi kkaratterizzat mill-injorar tad-dritt u tal-prinċipji umanitarji internazzjonali minn ġellieda u t-tnaqqis fl-ispazju umanitarju. L-aċċess umanitarju għall-benefiċjarji u s-sigurtà u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili u tal-ħaddiema umanitarji saru iktar u iktar problematiċi.

Element karatteristiku ieħor huwa *l-multiplikazzjoni tal-atturi* li qed jidhru fuq ix-xena tal-għajnuna umanitarja. Flimkien mal-NGOs umanitarji tradizzjonali u mal-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali, il-fondazzjonijiet privati u l-kumpaniji qed ikollhom rwol dejjem jikber; f'xi pajjiżi huma l-forzi militari li qed iwettqu operazzjonijiet kważiumanitarji; u xi forzi għaż-żamma tal-paċi għandhom mandati ta' protezzjoni li jistgħu f'ċerti każi jaffettwaw l-azzjonijiet umanitarji. F'xi reġjuni, l-assistenza minn gvern għall-ieħor jew l-użu ta' assi militari qed ikollhom rwol dejjem jikber. Dan l-għadd kbir ta' atturi jġib miegħu varjetà ta' motivazzjonijiet u prattiċi. Qed isir dejjem aktar importanti li jkunu mtennija l-prinċipji umanitarji ta' newtralità u nondiskriminazzjoni.

L-attivitajiet umanitarji u ta' protezzjoni ċivili tal-UE fl-2010

Permezz tal-Kummissjoni (DĠ ECHO), l-UE pprovdiet assistenza umanitarja skont il-bżonn u ffaċilitat il-provvediment tal-assistenza *in natura* ta' protezzjoni ċivili.

[1] Sors: CRED (www.cred.be).

DĠ ECHO jintervjeni meta u fejn iseħħu kriżijiet jew diżastri naturali, billi jgħin miljuni ta' nies affettwati madwar id-dinja. Fl-2010, ir-reazzjoni tal-UE għal kriżijiet ġodda jew imtawla kienet tammonta għal EUR 115-il miljun u kienet tikkonsisti fi:

– provvediment ta' assistenza umanitarja lil madwar 151 miljun persuna[2] fi 80 pajjiż mhux tal-UE, li minnhom 39 pajjiż kienu mniżżla bħala li qegħdin f'sitwazzjoni ta' kriżi fl-ippjannar inizjali ta' DĠ ECHO.
– attivazzjoni tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni ċivili għal 28 kriżi fl-UE u lil hinn minnha.

Il-baġit inizjali tal-2010 ta' EUR 835 miljun għall-għajnuna umanitarja kien miżjud bosta drabi sabiex jirrifletti l-kriżijiet u d-diżastri naturali l-ġodda li seħħew matul is-sena, partikolarment iż-żewġ megadiżastri fil-Ħaiti u fil-Pakistan.

Il-baġit għall-għajnuna umanitarja kien miżjud billi: intużat ir-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza; intużaw il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp imwarrba għall-iskop ta' għajnuna umanitarja fil-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u tal-Paċifiku; u billi saru trasferimenti minn linji baġitarji għal strumenti oħra ta' għajnuna esterna.

Mill-assistenza totali pprovduta fl-2010, 44% hija stmata li kienet għal diżastri naturali, 41% għal kriżijiet imtawla, u 15% għal kriżijiet u interventi ad hoc.

Id-**diżastri naturali** komplew jikkawżaw ħsara serja mad-dinja kollha. DĠ ECHO isegwi strateġija fuq żewġ binarji fl-ittrattar ta' dan it-tip ta' diżastru:

– reazzjoni rapida, billi jipprovdi għajnuna umanitarja u billi jiffaċilita u jikkoordina l-assistenza tal-protezzjoni ċivili pprovduta mill-Istati Membri tal-UE u pajjiżi li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili fuq bażi volontarja lil Stati oħra (tal-UE jew pajjiżi terzi) mal-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu;

– tħejjija għad-diżastri; billi jkunu identifikati dawk iż-żoni ġeografiċi u popolazzjonijiet l-iktar suxxettibbli għad-diżastri naturali u li għalihom huma stabbiliti programmi speċifiċi dwar it-tħejjija għad-diżastri.

DĠ ECHO pprovda ***assistenza umanitarja*** biex ikunu iffaċċati l-konsegwenzi tad-diżastri li ġejjin:

- ġħargħar f'Benin, fil-Burkina Faso, fil-Bangladexx, fil-Kolombja u fil-Pakistan;
- terrimoti fiċ-Ċili, fl-Indonesja u fil-Ħaiti;
- ċikluni fl-Asja t'Isfel, fl-Amerika Ċentrali u fil-Laos;
- nixfa fil-Qarn tal-Afrika, fir-reġjun Saħel, fil-Bolivja u fil-Ġibuti;
- epidemji fir-Repubblika tal-Kongo, fil-Ħaiti, fil-Malawi, fiż-Żimbabwe u fix-Xlokk tal-Asja.
- Assistenza speċifika kienet provduta wkoll lill-Mongolja, affettwata mill-fenomenu Dzud[3], lill-Bangladexx (il-kriżi tal-gerriema), il-Filippini (El Niño), il-Gwatemala, affetwata

[2] 151 miljun, li minnhom 101 miljun permezz ta' għajnuna umanitarja, 22 miljun permezz ta' għajnuna alimentari u 28 miljun permezz ta' attivitajiet ta' tħejjija għad-diżastri.

[3] Fenomenu naturali li jirriżulta minn borra qawwija kontinwa flimkien ma' kesħa estrema, preċeduti minn sjuf nexfin.

b'serje ta' diżastri naturali (eruzzjoni volkanika, maltempata tropikali, dipressjoni tropikali wara nixfa serja fl-2009) u t-Taġikistan, affettwat b'terrimot, għargħar u epidemija tal-poljo.

F'termini ta' '**kriżijiet ikkawżati mill-bniedem**', il-ġlied interetniku fil-Kirgiżistan t'Isfel f'Ġunju 2010 wassal għal intervent ta' emerġenza li jkopri firxa wiesgħa ta' setturi inklużi l-kenn, l-ikel u l-assistenza medika, pariri legali u protezzjoni. Fil-Jemen, is-sitwazzjoni politika u umanitarja ddeterjorat, b'bosta kunflitti interni miftuħa mal-pajjiż kollu. L-instabbilità fil-Qarn tal-Afrika, partikolarment fis-Somalja, qed tiġġenera fluss dejjem jikber ta' nies li jaslu fuq ix-xtut tal-Jemen u numru dejjem jiżdied ta' refuġjati u nies li jfittxu l-ażil. L-operazzjoni militari li segwiet il-kriżi tan-nies imċaqalqa internament (IDPs) fl-2009 fil-Pakistan tat bidu għal ċaqliq ġdid li wassal sabiex DĠ ECHO indirizza l-ħtiġijiet ta' tliet miljun persuna fi bżonn serju ta' assistenza umanitarja. Fi tmiem is-sena, il-Côte d'Ivoire affaċċa kriżi wara l-elezzjoni, li affettwat ukoll il-pajjiżi tal-viċinat.

Barra minn dawn il-kriżijiet, il-Kummissjoni kellha timmaniġġja bosta **emerġenzi mtawla u kumplessi**. Xi eżempji huma:

- Fis-Sudan, fejn żieda fin-nuqqas ta' sigurtà, inkluż ħtif immirat ta' persuni u intimidazzjoni ta' atturi umanitarji, u aċċess estremament limitat ikkontribwew sabiex jisparixxi kważi għal kollox l-ispazju umanitarju fid-Darfur. L-intervenzjonijiet huma fil-parti l-kbira tagħhom limitati għall-kampijiet, fejn l-imsieħba jaħdmu f'kundizzjonijiet estremament prekarji.

- It-teritorju okkupat tal-Palestina, fejn l-effetti kkumbinati tal-imblokk, ir-restrizzjonijiet għall-aċċess u għall-movimenti u l-impatt tar-reġim ta' okkupazzjoni f'Gaża, fiż-Żona Ċ tax-Xatt tal-Punent u fil-Lvant ta' Ġerusalem, iħallu l-popolazzjoni fi stat ta' vulnerabilità għolja u ta' dipendenza fuq assistenza umanitarja esterna.

- Fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-ġlied, il-vjolenza sesswali u ċ-ċaqliq ta' popolazzjonijiet komplew matul is-sena minkejja li stabilizzazzjoni gradwali kienet innutata f'xi partijiet tal-pajjiż.

Minkejja ż-żieda fid-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, u impatt ogħla tal-effetti li ħallew l-emerġenzi kumplessi li seħħew f'dawn l-aħħar ftit snin, u minkejja n-nuqqas ta' rispett lejn il-prinċipji umanitarji u s-sikurezza u s-sigurta' tal-ħaddiema umanitarji, hemm ukoll każijiet fejn is-**sitwazzjoni umanitarja tjiebet**. Hemm definittivament sinjali ta' inkoraġġament li interventi umanitarji qed jirnexxu fejn il-finanzjament ikun segwit mill-iżvilupp. Dan kien il-każ fis-Sri Lanka u fil-Filippini fl-2010. Fis-*Sri Lanka*, is-sitwazzjoni umanitarja evolviet b'mod sinifikanti. Sal-lum 75% mill-persuni mċaqalqa internament (IDPs) irritornaw fil-post ta' oriġini tagħhom waqt li dawk li jifdal għadhom qed jgħixu ma' familji ospitanti jew fil-kampijiet. Permezz tal-baġit tagħha, l-UE għadha waħda mid-donaturi l-iktar involuti fl-għajnuna umanitarja. Hija ffinanzjat it-tneħħija umanitarja tal-mini, fejn l-azzjonijiet iffinanzjati ffaċilitaw ir-ritorn sikur ta' IDPs ta' qabel. Addizzjonalment, kien hemm enfasi kbira fuq interventi multisettorjali, inklużi komponenti ta' assistenza għall-kenn, l-għixien u l-ikel. It-tħassib dwar il-protezzjoni kompla, peress li proporzjon kbir mill-familji li rritornaw huma mmexxija minn nisa. Fl-aħħar nett, is-sitwazzjoni tas-sigurtà baqgħet stabbli minn tmiem il-kunflitt u waqt li l-aċess għall-imsieħba tal-ECHO għadu ristrett, il-bixra ġenerali turi titjib. Fil-*Filippini*, is-sitwazzjoni tas-sigurtà bdiet titjieb flimkien ma' progress fit-taħdidiet għall-paċi bejn il-partijiet, u bil-waqfien mill-ġlied issorveljat minn Kumitat Konġunt għall-Kordinazzjoni tal-Waqfien mill-Ostilitajiet u minn Tim Internazzjonali ta' Monitoraġġ, taħt il-kmand tal-Malasja. Id-DĠ ECHO kompla jipprovdi

assistenza lill-persuni imċaqalqa li għadhom jgħixu f'ċentri ta' evakwazzjoni, u appoġġa l-proċess ta' ritorn tal-IDP. Fl-aħħar tal-2010, in-numru ta' persuni li kienu għadhom imċaqalqa ma kienx jaqbeż il-25 000, li kkonferma r-relevanza tat-tneħħja gradwali tal-għajnuna umanitarja favur strumenti fuq medda itwal ta' żmien.

Fir-rigward tal-protezzjoni ċivili, il-***Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili*** tal-UE kien attivat 28 darba matul is-sena (11-il darba fl-UE u 17-il darba barra minnha), biex joffri reazzjoni għal pereżempju għargħar fil-Pakistan, fl-Albanija, fil-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Benin, it-Taġikistan u l-Kolombja, terremot u epidemji tal-kolera fil-Ħaiti; terremot fiċ-Ċili; tixrid taż-żejt fil-Golf tal-Messiku; maltempata vjolenti tar-riħ (Xynthia) li affettwat l-Ewropa tal-Punent; nirien fil-foresti fi Franza, fil-Portugall u fl-Iżrael ; borra fir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi; uragani u maltempati tropikali fil-Gwatemala u l-Ħaiti; u fl-aħħar nett l-inċident kimiku fl-Ungerija fejn bosta villaġġi kienu mgħarrqa minn ħama ħamra minn impjant lokali tal-aluminju. Intbagħtu 48 espert fl-UE u lil hinn minnha bħala parti minn 12-il missjoni ta' valutazzjoni u ta' kordinazzjoni.

L-azzjoni ta' tħejjija dwar il-kapaċità tal-UE għar-reazzjoni rapida fl-2010 (inizjattiva tal-Parlament Ewropew li bdiet fl-2008 u ġġeddet fl-2009 u għall-aħħar darba fl-2010) wasslet għal proġetti tajbin u sostniet żvilupp ulterjuri fil-qasam tal-moduli. Fl-2010, erba' kapaċitajiet Ewropej għar-reazzjoni rapida żviluppati u lesti għal dak li jista' jinqala' f'dan il-programm intbagħtu għall-ewwel darba għal emerġenzi, prinċipalment post mediku avvanzata b'kirurġija u unità tal-purifikazzjoni tal-ilma fil-Ħaiti wara t-terremot, modulu b'kapaċità għolja għall-ippumpjar għall-għargħar fil-Polonja u l-Moldova u assistenza teknika u tim ta' sostenn għall-Ħaiti għall-epidemji tal-kolera.

In-numru ta' operazzjonijiet tat-trasport żdied b'mod drammatiku fl-2010 (55, li minnhom 50 permezz ta' għotjiet diretti u 5 skont il-kuntratt qafas ma' intermedjarju tat-trasport).

Analiżi tal-politiki attwali tal-protezzjoni ċivili li bdiet fl-2010 għadha għaddejja.

It-tabella ta' hawn taħt turi kif ġie allokat l-**iffinanzjar** mill-UE għall-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili skont ir-reġjun fl-2010, skont il-prinċipju abbażi tal-bżonnijiet (f'eluf ta' euro).

l-Afrika	**468.550**	**42%**
is-Sudan u ċ-Ċad	169.000	
l-Afrika Ċentralil	84.750	
il-Qarn tal-Afrika	96.000	
l-Afrika tal-Punent	87.100	
l-Afrika t'Isfel u l-Oċean Indjan	31.700	
il-Lvant Nofsani, il-Mediterran, il-Kawkażu	**98.000**	**9%**
il-Lvant Nofsani, il-Mediterran	96.000	
il-Kawkażu	2.000	
l-Asja	**281.445**	**25%**
l-Asja Ċentrali u tal-Lbiċ	198.295	
l-Asja t'Isfel Ċentrali	34.400	
l-Asja tax-Xlokk u tal-Lvant	48.750	
l-Amerika Latina, il-Karibew u l-Paċifiku	**158.500**	**14%**
l-Amerika Latina	34.500	
il-Karibew u l-Paċifiku	124.000	
il-Protezzjoni Ċivili	**28.061**	**3%**
Fl-UE	14.407	
Azzjoni ta' tħejjija għar-Reazzjoni Rapida	6.846	
Barra mill-UE	6.808	
Mad-dinja Kollha (bini ta' kapaċità, assistenza teknika, appoġġ)	**80.304**	**7%**
TOTAL	**1.114.860**	**100%**

Għall-kuntrarju ta' dak li tagħmel il-protezzjoni ċivili, DĠ ECHO ġeneralment ma jipprovdix għajnuna umanitarja direttament iżda jimplimenta l-mandat tiegħu billi jipprovdi finanzjament lil xi 200 imsieħeb magħmula minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti, organizzazzjonijiet oħra internazzjonali bħal pereżempju l-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u s-Soċjetajiet tan-Nofs Qamar l-Aħmar u xi aġenziji speċjalizzati mill-Istati Membri tal-UE.

Huwa importanti li d-DĠ ECHO jkollu firxa wiesgħa ta' msieħba, peress li dan jippermettilu jkopri lista li dejjem qed tikber ta' bżonnijiet f'partijiet differenti fid-dinja ħafna drabi f'sitwazzjonijiet li qed ikunu dejjem aktar kumplessi. L-għotja u kontribuzzjonijiet amministrati minn DĠ ECHO jsiru billi jintagħżlu l-aħjar proposti rċevuti li jkopru l-bżonnijiet tal-aktar vulnerabbli. Fl-2010, il-finanzjament tqassam fost l-imsieħba ta' DĠ ECHO kif ġej: NGOs 50%, aġenziji tan-NU 39% u organizzazzjonijiet internazzjonali 11%.

L-organizzazzjonijiet umanitarji jaffaċċaw **aċċess** dejjem aktar **limitat għall-benefiċjarji** fuq naħa waħda minħabba nuqqas ta' spazju umanitarju mill-gvernijiet u minn atturi mhux governattivi, li ma jagħtu każ lanqas tal-aktar protezzjoni bażika mogħtija mid-dritt internazzjonali umanitarju, u fuq in-naħa l-oħra minħabba limitazzjonijiet fuq is-sigurtà. Aktar u aktar gvernijiet qed jimponu restrizzjonijiet fuq l-għotja ta' għajnuna umanitarja (eż. is-Sri Lanka). F'bosta żoni ta' kunflitti (eż. id-DRC, is-Somalja, is-Sudan) il-ħaddiema umanitarji huma xhieda ta' metodi partikolarment brutali ta' kif issir il-gwerra, inkluż, attakki fuq persuni ċivili u frekwentement l-użu ta' vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra. L-inċidenza ta' attakki fuq ħaddiema għall-għajnuna umanitarja, inklużi espulsjonijiet u qtil, tidher li qed tiżdied. Id-donaturi jridu jaffaċċjaw il-fatt li mhux biss is-sigurtà tal-persunal umanitarju qiegħda f'riskju, iżda wkoll il-finanzjament u l-infrastruttura li dawn jipprovdu. Xi gvernijiet huma disposti li jmorru sal-estrem li jesproprjaw jew "jissellfu" fondi u proprjetà

ffinanzjata mid-donaturi u/jew ikeċċu lill-organizzazzjoni għall-għajnuna umanitarja ladarba dawn tkun itteħditilhom kull proprjetà.

Politika ta' assistenza umanitarja u ta' protezzjoni ċivili

Fil-livell ta' politika, ħafna mill-kwistjonijiet politiċi ġenerali rigward l-għajnuna umanitarja huma riflessi fil-**Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja** tal-2007 u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu. Analiżi ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsens tlestiet fil-ħarifa tal-2010[4] u kkonfermat il-progress sod fl-implimentazzjoni tal-oqsma ta' azzjoni kollha. Ir-riżultati tal-analiżi ta' nofs it-terminu huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/echo/policies/consensus_en.htm.

Nuqqas serju fis-sigurtà tal-ikel u n-nutriment kompla jaffettwa numru kbir ta' popolazzjonijiet vulnerabbli, jiġifieri xi 10% mill-qrib il-biljun persuna fid-dinja li għandha nuqqas ta' sigurtà alimentari. F'Marzu l-Kummissjoni addottat Komunikazzjoni dwar għajnuna umanitarja għall-ikel[5]**.** Hija tispjega l-qafas tal-politika tal-azzjoni umanitarja tal-UE biex issaħħaħ sforzi li jindirizzaw in-nuqqas ta' sigurtà alimentari fi kriżijiet umanitarji, waqt li tfittex l-aktar taħlita adatta ta' għodod ta' reazzjoni biex tipprovdi l-assistenza alimentari l-iktar effikaċi u effettiva f'kuntest umanitarju partikolari.

Il-Kummissjoni tippreżenta wkoll proposti biex issaħħaħ il-**kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għad-diżastri**. Il-Komunikazzjoni[6] għandha l-għan li ttejjeb l-effikaċja, il-koerenza u l-viżibbiltà billi tibni fuq il-komponenti ewlenin tar-reazzjoni tagħha, jiġifieri l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, kif ukoll sostenn militari fejn meħtieġ u xieraq, fl-UE u lil hinn minnha. Il-lezzjonijiet miksuba mill-Ħaiti u l-Pakistan, kif ukoll minn diżastri naturali riċenti fl-Ewropa, se jiffurmaw proposti għall-ġejjieni.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni qed taħdem, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u partijiet involuti oħrajn, fuq l-istabbiliment ta' **Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (EVHAC)**[7] kif meħtieġ mill-Artikolu 214(5). F'Novembru kienet addottata Komunikazzjoni, bil-għan li ċ-ċittadini Ewropej jitħallew jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom biex jgħinu l-isforzi u li tenfasizza l-valuri Ewropej bħas-**solidarjetà mal-persuni fil-bżonn.** Il-Komunikazzjoni se tkun segwita minn azzjonijiet pilota fl-2011, *is-Sena Ewropea dwar il-Volontarjat*, u mill-preparazzjoni ta' proposta leġiżlattiva biex jitwaqqaf l-EVHAC.

Stħarriġ speċjali **tal-Eurobarameter** li sar fl-2010 fuq l-għajnuna umanitarja wera livell għoli ta' solidarjetà fost iċ-ċittadini tal-UE ma' vittmi ta' kunflitti u ta' diżastri naturali barra mill-UE. Tmienja minn kull għaxar ċittadini jaħsbu li huwa importanti li l-UE tiffinanzja għajnuna umanitarja lil hinn mill-konfini tagħha.

Il-Kummissjoni tappoġġa azzjonijiet ta' **tħejjija għad-diżastri** f'reġjuni suxxettibbli għad-diżastri naturali, sabiex tgħin lill-komunitajiet lokali jirreaġixxu rapidament u b'mod effikaċi meta jseħħu d-diżastri, u b'hekk tkun tista' tiġi salvata l-ħajja ta' bosta nies. Il-Kummissjoni

---

4 COM(2010) 722, SEC(2010) 1505

5 COM(2010) 126 (http://ec.europa.eu/echo/policies/food_assistance_en.htm).

6 COM(2010) 600 finali u SEC(2010) 1243/1242. http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/georgieva/hot_topics/european_disaster_response_capacity_en.htm).

7 COM(2010) 683 http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/georgieva/hot_topics/voluntary_humanitarian_en.htm

kompliet bl-appoġġ tagħha għall-programmi DIPECHO varati fl-2009 u programmi ġodda fl-Afrika ta' Isfel, l-Asja Ċentrali, ix-Xlokk tal-Asja u l-Amerika Ċentrali. Il-kontribuzzjoni għat-tħejjija għad-diżastri tmur ferm lil hinn mill-pjanijiet ta' azzjoni DIPECHO minħabba li bosta deċiżjonijiet ta' ffinanzjar umanitarju jinkludu t-tħejjija għad-diżastri jew il-mitigazzjoni tal-impatti tad-diżastri bħala objettiv. L-integrazzjoni hija bbażata fuq attivitajiet relatati mal-appoġġ tal-infrastruttura, promozzjoni u kuxjenza pubblika, mitigazzjoni fuq skala żgħira, l-elenkar u l-komputerizzazzjoni tad-dejta, sistemi ta' twissija bikrija, edukazzjoni, tisħiħ istituzzjonali u attivitajiet dwar it-tibdil fil-klima.

Skont il-mandat ta' **protezzjoni ċivili** tiegħu, DĠ ECHO jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-koperazzjoni bejn il-31 Stat[8] li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Ċivili (PĊ) u l-Istrument Finanzjarju. Billi jagħmel dan, huwa jfittex li jtejjeb l-effikaċja tas-sistemi għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra diżastri naturali, teknoloġiċi jew ikkawżati mill-bniedem fl-Ewropa. Pereżempju fl-2010 l-Kummissjoni ħarġet dokument ta' gwida dwar il-valutazzjoni nazzjonali tar-riskju u deskrizzjoni tal-ġestjoni ta' diżastri, li kien imfassal flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri. Huwa issa mistenni li l-Istati Membri jiżviluppaw ulterjorment il-proċessi nazzjonali tal-ġestjoni tar-riskju, li fil-kuntest tagħhom huma se jużaw dawk il-linji gwida. Dan se jkun pass importanti lejn it-titjib tal-kultura tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri fl-UE. L-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-PĊ u tal-Istrument Finanzjarju tiżgura li n-nies, l-ambjent, il-propjetà u l-wirt kulturali jkunu protetti aħjar fil-każ ta' diżastri. Fil-qasam tat-tħejjija l-appoġġ tal-UE jiffoka fuq sistemi ta' twissija bikrija, moduli u l-programm ta' taħriġ tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili (iktar minn 870 espert kienu mħarrġa fl-2010 u erba' eżerċizzi fuq skala reali kienu sostnuti). Barra minn dan, il-Kummissjoni tat appoġġ finanzjarju lil numru ta' proġetti ta' kooperazzjoni għat-tħejjija (pereżempju titjib tas-sistema ta' twissija bikrija għal 30 pajjiż Ewropew, bl-estensjoni tal-perjodu ta' previżjoni għal ħamest ijiem u bl-inklużjoni ta' twissijiet ta' xita u għargħar).

L-assistenza bbażata fuq riżorsi li hija disponibbli mill-Istati Membri hija pprovduta fl-UE u fil-pajjiżi terzi milquta minn diżastri, wara talba mill-gvern tal-pajjiż ikkonċernat.

[8] Is-27 Stat Membru, in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein u l-Kroazja.